MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 30/2008

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab il-hlas ta' elf tlett mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u sebghin centezmi (€1327.74) rapprezentanti l-valur ta' bejgh ta' vettura u li taghha fadallu jithallas l-imsemmi bilanc u peress illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallas dan l-ammont izda dan baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn dan l-Onorabbli Tribunal sabiex ihallas lill-attur is-somma kif dovuti bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjlai ta' Mejju, 2006 u bl-ingunzjoniji tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Ra' r-risposta tal-konvenut ipprezenatata fit- 2 ta' April, 2009 fejn eccepixxa lli :

1) preliminarjament it-talbiet attrici llum huma preskritti;

2) illi fi kwalunkwe' kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ebda' ammont ma huwa dovut lill-attur mill-konvenut stante illi l-konvenut kien diga' hallas lill-attur kwalsiasi ammont dovut minnu;

3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

4) Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attur tinsab imsejjah.

Ra' n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati in atti.

Sema' u ra' x-xhieda tal-partijiet kif ukoll ta' Ellen Bonnici.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' bilanc allegatament dovut lill-attur mill-konvenut fuq bejgh ta' vettura.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenut kien kontumaci u t-Tribunal gie mitlub 'in limine litis' sabiex jaghti decizjoni dwar dan il-punt legali.

Illi jirrizulta lit-Tribunal mill-atti illi l-konvenut Celestino Cini gie regolarment notifikat fl-4 ta' Novembru tal-2008. Illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2008 dehru l-partijiet assistiti u l-konvenut iddikjara lli qieghed jikkontesta t-talba attrici u li kellu jintavola risposta formali. Ra' illi s-seduta sussegwenti, u cioe' dik tat-3 ta' Dicembru, 2008 giet posposta ghat-3 ta' Jannar, 2009 peress illi l-gudikant ta' dak iz-zmien kien irrikuza ruhu u baghat l-atti lir-registratur sabiex il-kawza tigi riassenjata. Fil-frattemp il-konvenut kien ghadu ma ntavolax ir-risposta.

Illi l-kawza quddiem it-Tribunal kif presjedut illum giet imhollija ghat-13 ta' Frar, 2009 izda l-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx. Illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, deher l-attur u d-difensur tieghu u gewipprezentati kapitoli fil-konfront tal-konvenut Cini peress illi sa dik id-data ma kien hemm ebda risposta intavolata.

Illi permezz ta' rikors huwa talab lit-Tribunal sabiex jawtorizzah iressaq il-provi ghas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009. Ili wara li t-Tribunal sema' x-xhieda tal-konvenut u sema' r-raguni tal-kontumacja da parti tal-avukat, fic-cirkostanzi partikolari t-Tribunal ikkonceda hamest ijiem mis-seduta sabiex tigi ntavolata r-risposta u l-kawza giet differita ghas-17 ta' April, 2009. Illi fit-2 ta' April, 2009 giet intavolata r-risposta tardivament.

Ili fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2009 id-difensur tal-attur irrileva illi r-risposta hija tardiva u ghal darb'ohra l-konvenut waqa' kontumaci. L-Attur talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenut kontumaci u jisfilza r-risposta prezentata.

Ra' n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet. Illi t-Tribunal jidhirlu illi ghalkemm il-proceduri fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar jistghu jaghtu lok ghal certu flessibilita', t-Tribunal huwa marbut bil-parametri tal-ligi. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-konvenut kien inghata opportunita' sabiex jiggustifika l-ewwel kontumacja u ghalkemm kienu ghaddew hafna xhur minn meta kellha tigi intavolata r-risposta, fic-cirkostanzi t-Tribunal akkordalu hamest ijiem zmien ghar-risposta izda minkejja dan xorta wahda l-konvenut ssokta jinatvola r-risposta tardivament. Illi peress illi kien hemm kontestazzjoni qawwija minn naha tal-attur ghal dan in-nuqqas it-Tribunal kellu jghaddi sabiex jiddeciedi dwar dan il-punt legali.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-konvenut naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza quddiem dan it-Tribunal ghal darbtejn u cioe fit-13 ta' Frar, 2009 u fis-6 ta' Marzu, 2009 . Illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2009 gew ipprezentati kapitoli. Illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 deher il-konvenut quddiem it-Tribunal u t-Tribunal sema' x-xhieda tal-konvenut fejn iggusitifika l-kontumacja tieghu. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal ikkoncedilu terminu qasir sabiex jintavola risposta. Ili l-konvenut ghazel li jinjora t-terminu perentorju koncess lilu mit-Tribunal fis-27 ta' Marzu, 2009 nonostante il-fatt illi t-

terminu fakoltattiv ta' tmintax-il gurnata moghti lilu skont il-Kap 380, kien gie injorat minnu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-ligi timponi terminu ta' zmien ghal raguni izda minkejja l-ewwel nuqqas, il-konvenut naqas ghat-tieni darba sabiex idahhal in-nota risponsiva fil-hin perentorju moghti b'ordni tat-Tribunal u ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jikkonferma l-kontumacja tal-konvenut filwaqt illi jordna l-isfilz tar-risposta, izda ha jikkoncedi lill-istess imharrek iressaq nota ta' sottomissjonijiet dwar il-mertu wara li jkunu nstemghu il-provi attrici.

Spejjez tas-sentenza in parte a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------